**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Gunju 2021**

**Rikors nru: 151/2021 AGV;**

**AB C**

**Vs**

**D B**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tal-attrici** datat 15 ta' April 2021 fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-partijiet zzewgu fl-Knisja tal-Kappuccini, il-Furjana, nhar il- 15 ta' Dicembru 1996, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru 2233/ 1996, u dan kif jidher mil- kopja tac-certfikat taz-zwieg hawn anness, mmarkat Dok A;
2. Illi l-esponenti sseparaw minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-nutar Dr. Nicholas Vella datat 8 ta' Mejju 2008, liema kuntratt huwa hawn anness, mmarkat Dok B, kif ukoll permezz

ta’ emenda tal-istess kuntratt fl-atti tan-nutar Dr Timothy Ellis, datata 2 ta’ Novembriu 2009, hawn annessa, u mmarkat Dok C;

3. Illi minn daz-zwieg il-partijiet kellhom tifel, u cjoe’ EBC li twieled fid- 29 ta’ April 2000, u dan kif muri mic-certifikat tat-twelid hawn anness, u mmarkat Dok D;
4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, tant illi l-partijiet ilhom separati mit-8 ta’ Mejju 2008, u ghalhekk ilhom separati ghal aktar minn erba’ snin matul l-ahhar hames snin precedenti dan l-umli rikors u b’ hekk jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-ligjiet ta’ Malta.
5. Illi dwar manteniment, l-esponenti jiddikjaraw li ai termini tal-artikolu 5 (vi) tal-istess kuntratt ta’ seperazzjoni il-missier obbliga ruhu li jhallas lil minuri il-manteniment ta’ sitt mija u disa u sebghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu, fix-xahar liema manteniment kellu jizdied bl-ghaxra fil-mija sakemm il-minuri jaghlaq hamsa u ghoxrin sena.
6. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorju skont l-artikolu 66 B tal-kodici Civili , Kap 16 tal-Ligjiet ta’ Malta.
7. Illi l-esponenti ABC tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe’ C.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti qed tigi umilment mitluba sabiex;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u dana a tenur tal-artikolu 66 A tal-Kap 16 tal-ligjiet ta’ Malta.
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-direttur registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.
3. Tawtorizza lil ABC tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe’ C.

Il-Qorti rat li ghalkemm il-konvenut gie notifikat ma pprezentax ir-risposta tieghu.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
Spejjez jibqghu bla taxxa.
Tawtorizza lir-rikrorenti li tirereveti ghal kunjom xbuxibtha u cjoe **C.**

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**